MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 327/2005

**Tanya Tabone (I.D.544175 M).**

**vs**

**Emmanuel Camilleri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta’ April 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fit-8 ta’ Awissu 2003 waqt li l-attrci kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KBD 929 hi kienet involuta f’incident stradali meta l-konvenut li kien qed isuq

il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAG 902 baqa’ diehel fuq in-naha ta’ wara tal-vettura misjuqa minnha.

Illi dan l-incident stradali sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperitia u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, u dan kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident l-attrici sofriet danni ngenti fuq il-persuna taghha kif jirrizulta ahjar mir-rapport mediku hawn anness u markat bhala Dokument “A”.

Illi l-konvenut gie nterpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofriet l-attrici fuq il-persuna taghha izda baqa’ inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attrici titlob lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident stradali li fih sfat korruta l-attrici fit-8 ta’ Awissu 2003.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici minhabba dan l-incident u dan *okkorrendo* bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali li qed tigi pprezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali tal-10 ta’ Marzu 2005 u ta’ l-ittra legali tal-15 ta’ Marzu 2005 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 3 sa 6 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar id-19 ta’ April 2005 minn din il-Qorti kif diversament

presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-15 ta’ Gunju 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 18 ta’ Mejju 2005 a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjent accetta r-responsabbilta` ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni qabel il-presentata tac-citazzjoni. *Inoltre* qatt ma kien hemm oppozizzjoni da parti ta’ l-eccipjent jew ta’ l-assikurazzjoni tieghu sabiex favur l-attrici jkun hemm likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni minnha attwalment u materjalment subiti bhala konsegwenza ta’ l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

2. Illi sa minn qabel il-presentata ta’ din ic-citazzjoni kienu kontestati bhala mhux debitament u sodisfacjentement ippruvati u gustifikati d-danni fl-ghamla ta’ “*lucrum cessans”* li l-attrici kienet qed tippretendi risarciment taghhom ghal allegata debilita` fil-persuna taghha konsegewenza ta’ l-incident *de quo*.

3. Fi kwalunwe kaz, l-eccipjent m’ghandux ibati spejjes gudizzarji ghaliex *tramite* l-assikurazzjoni tieghu kien dejjem lest jasal ghal likwidazzjoni gusta u skond il-ligi tad-danni spettanti lill-attrici qabel giet intavolata din il-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda bid-dokumenti annessi tal-konvenut liema dokumenti huma mmarkati Dok “ZM1” sa Dok “ZM4” kif jidher a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-15 ta’ Gunju 2005 u tat-2 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 30 ta’ Novembru 2005 (fol. 22) li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ Mr. Charles Grixti.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 15 ta’ Dicembru 2005 (fol. 26) li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti datata 25 ta’ Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-8 ta’ Marzu 2006; tal-5 ta’ Gunju 2006; u tat-12 ta’ Gunju 2006 fejn deher il-Perit Mediku Carmel Sciberras li halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Mr. Carmel Sciberras ipprezentat fir-Registru fit-23 ta’ Jannar 2006 u mahluf fis-seduta tat-12 ta’ Gunju 2006 kif jidher a fol. 51 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 14 ta’ Gunju 2006 (fol. 57) li permezz taghha talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tahtar periti addizzjonali u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 674 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2006 a fol. 58 tal-process fejn meta ssejhet i-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Robert Abela u deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut. Xehdet bil-gurament Tanya Tabone in kontro-ezami. Il-kawza giet differita biex jigu esebiti d-dokumenti dwar l-introjtu ta’ l-attrici permezz ta’ nota fi zmien hamest ijiem (5) mid-data ta’ dan il-verbal b’kopja lill-kontro-parti. Dr. Robert Abela rrinunzja ghan-nomina ta’ Periti Perizjuri. Il-kawza giet differita ghall-5 ta’ Dicembru 2006.

Rat in-nota ta’ l-attrici pprezentata fir-Registru fl-1 ta’ Novembru 2006 (fol. 75) li permezz taghha, *ai termini* tal-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2006, ipprezentat rendikont dettaljat ta’ l-introjtu taghha sopportat bid-dokumentazzjoni relattiva.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attrici. Id-difensuri prezenti trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Frar 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza dwar incident awtomobilistiku li gara f'Birkirkara fejn is-*showroom* ta' Panta Lesco fit-3 ta' Awissu 2003 fejn l-attrici li kienet qed isuq il-vettura Reg. No. KBD – 929 habtet mal-konvenut li kien qed isuq il-vettura Reg. No. CAG – 902.

Illi jirrizulta li l-konvenut u s-socjeta' assikuratrici ammettew ir-responsabbilta' ta' l-incident u dan kif fil-fatt gie kkonfermat min-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u dan b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni fejn jidher car li l-kwistjoni kollha hi dwar l-ammont ta' danni riklamat mill-attrici f'dak li huwa *lucrum cessans,* u dan anke peress li l-attrici kienet qed tallega li hija kienet qed issofri disabbilta' permanenti ta' 10% ibbazat fuq certifikat mediku *ex parte* mahrug minn Mr. Charles J. Grixti datat 26 ta' April 2004 (fol.24 u 25) mentri min-naha tieghu l-konvenut, *tramite* is-socjeta' assikuratrici tieghu sostna li l-attrici ma kienet soffriet ebda disabilita' permanenti u dan skond kif indikat mir-rapport *ex parte* ta' Mr. Frederick Zammit Maempel datat 20 ta' Awissu 2004 (fol. 16) fejn irrelata li l-attrici ma soffriet l-ebda dizabbilta' permanenti minhabba l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Illi minhabba dan, il-kwistjoni baqghet pendenti u saret din il-kawza u l-attrici tghid fl-affidavit li minhabba dan, l-ammont ta' *damnun emergens* fis-somma ta' seba' mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm754.08) baqghu lanqas imhallsa minnha, u fil-fatt tali ammont ta' danni huma dawk li li jirrizultaw mid-dokumenti mmarkati bhala Dok. "TT1" sa "TT12" u fil-verita' ghandhom x'jaqsmu mal-viziti u konsulti li l-istess attrici ghamlet mal-konsulent mediku taghha l-istess Mr. Charles J. Grixti.

Illi ghalhekk f'din il-kawza kienet mehtiega n-nomina ta' perit mediku sabiex jezamina lill-attrici u fil-fatt gie mahtur Mr. Carmel Sciberras li b'rapport tieghu datat 26 ta' Novembru 2005 irrelata li b'kawza ta' l-incident inkwistjoni l-attrici soffriet ftit hsara fit-tessuti rotob ta' l-ghonq u ghalhekk fl-istess rapport jinghad li l-istess attrici irkuprat sew minn din il-hsara, pero' jinghad li *"izda* (hija) *tista' tibqa' tbati minn xi ftit ta' ugigh u ghebusija fl-ghonq kif ukoll xi ftit toqol f'dirghajha l-leminija"* u b'hekk din il-konkluzjoni waslet sabiex l-istess espert mediku jirrelata li l-istess attrici soffriet dizabbilta' permanenti fi grad ta' tnejn fil-mija (2%). Jidher ukoll li din il-konkluzzjoni giet raggunta wara l-ezamijiet medici li l-istess espert mediku ghamel fuq l-attrici kemm fuq l-ghonq (fejn sab li kien hemm ghal dik li hija flessjoni (*flexion)* u rotazzjoni laterali (R & L) 90% tan-normal u ftit ugiegh meta ghafas fuq C7 *"spinous process"* u fuq il-muskoli ta' l-ghonq u mill-bqija normali) u fuq id-dirghajn (fejn sab kollox normali ghalkemm ghal dik li hija sensazzjoni l-attric ilmentat li kienet qed thoss idejha l-leminija bhax xellugija izda skond l-istess perit mediku fejn hemm dil-problema ma kienitx cara ghal kollox (*"ill defined bounderies"* (Rapport mediku pprezentat fit-23  ta' Jannar 2006 u mahluf fit-12 ta' Gunju 2006 – fol. 51 sa 56 tal-process).

Illi hadd mill-partijiet ma talab ghall-hatra ta' periti perizjuri, anke ghaliex l-attrici rrinunzjat ghan-nota pprezentata minnha  fl-14 ta' Gunju 2006 permezz ta' verbal ta' Dr. Robert Abela datat 25 ta' Ottubru 2006 fejn hemm indikat proprju li jirrinunzja ghan-nomina ta' periti perizjuri. Ghal kompletezza jinghad li min-naha tieghu l-konvenut ma ipprezenta l-ebda nota.

Illi huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu li jigi applikat il-principju li gja gie uzat minn din il-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet **"Alfred Mizzi et vs M.R.C.D. Limited"** (PA. RCP – 30 ta' April  2002) **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (PA. RCP – 28 ta' Frar 2002) fejn inghad li huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghha li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta' natura teknika jew medika kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-

**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali jew medici, specjalment bhal dan il-kaz fuq natura purament medika, dan il-Qorti ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni medika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett mediku tal-materja taht ezami (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dan japplika aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali skond id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 677 tal-Kap 12**, u ghalhekk tali konkluzjoni medika ma tistax u ma ghandhiex tigi skartat facilment *ammenoche'* ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet hemm ragunti huma manifestament skorretti jew irragonevoli. Ghalhekk f'dan il-kaz, u minhabba li tali konkluzjoni ma giet lanqas kontestata mill-partijiet, din il-Qorti thoss li ghanda taddotta r-relazzjoni medika fejn jinghad li kawza ta' l-istess incident l-attrici soffriet dizabbilta' permanenti ta' tnejn fil-mija (2%).

Illi dwar l-introjtu ta' l-attrici jidher li l-attrici fiz-zmien ta' l-incident kienet tahdem ta' *Marketing Executive* ma' Gollcher Company Limited u llum saret *Assistent Management* ghalkemm in-natura tax-xoghol taghha baqghet l-istess.

Illi fis-sena 2002 jirrizulta li l-attrici kellha paga bazika ta' Lm6,119.88 (Lm117.69) u *commission* ta' Lm854 b'kollox total ta' Lm6,974 (Dok. "RA 1" – fol. 76); fis-sena 2003 jidher li l-attrici kellha l-ammont ta' Lm6,360.12 (Lm122.31 x 52) bhala *basic pay* u l-ammont ta' Lm1,724.88 bhala *commission*, li jhalli ammont totali ta' Lm8,085 (Dok. "RT" – fol. 92; Dok. "RA 2" – fol. 77/78) u dan kif l-istess attrici qalet fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti datata 25 ta'

Ottubru 2006. Fis-sena 2004 kellha paga ta' Lm6,246.24 (Lm115.62 x 26 = Lm3,006.12; Lm124.62 x 26 = Lm3,240.12 + Lm2,990 = Lm6,246.24) u *commission* ta' Lm2,382.76 – total ta' Lm8,629 (Dok. "RA 3" – fol.80) ; fis-sena 2005 kellha paga ta' Lm6,102.72 (Lm117.36 x 52) u *commission* ta' Lm3,261.28 b'kollox introjtu ta' Lm9,364 (Dok. "RA 4" fol. 82).

Illi din il-Qorti thoss li abbazi ta' dak tenut dwar zieda fil-potenzjal tad-dhul skond id-decizjonijiet fl-ismijiet **"Laura Formosa et vs Emanten Spiteri et"** (P.A. (TM) – 28 ta' April 2005); **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (JRM) – 9 ta' Dicembru 2004) u dak li wkoll gie msejjah bhala *multiplicand* fil-kawza fl-ismijiet **"Middle Sea Insurance Company Limited et vs Stuart Psaila"** (P.A. (NC) – 8 ta' Ottubru 2004) din il-Qorti sejra taddota *basic wage* ta' Lm6,800; ma dan ghandu jigi mizjud valur tal-*commissions* li jidher li l-attrici kienet qed tircievi fis-sena bbazat fuq kalkolu ta' *average* ta' erba' snin li kien jammonta ghal *circa* Lm2,056 fis-sena (Lm854 + Lm1,724.88 + Lm2,382.76 + Lm3,261.28 li jhalli *average* ta' Lm2,056 fis-sena) u dwar dawn il-*commissions* din il-Qorti sejra taddota s-sistema li giet indikata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **"Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited"** (A.C. 24 ta' Settembru 2004) u **"Godfrey Buhagiar vs Malta Shipbuilding Company Limited et"** (A.C. 25 ta' Frar 2005) fejn inghad li *"biex issir gusitizzja l-ammont ta' overtime u f'allowances kellu jinghata, jew ahjar jigi kkalkulat, fuq bazi ta' hamsin fil-mija (50%) fuq l-ammont totali"* u dan ghar-ragunijiet hemm indikati fl-istess sentenzi li ghalihom qed issir riferenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra timxi fuq l-ammont ta' paga ta'
Lm6,800 u mieghu zzid l-ammont ta' Lm1,028 li jwasslu ghas-somma ta' Lm7,828 u ovvjament din il-Qorti sejra timxi fuq din is-somma sabiex tasal ghall-ammont likwidat ta' danni bhala *lucrum cessans*.

Illi meta gara l-incident l-attrici kellu 28 sena u l-*multiplier* ghandu jigi kkalkulat minn dak in-nhar ta' l-incident skond kif ikkonfermat fis-sentenza **"Evan Xuereb vs Vincent Spalding et"** (P.A. (JRM) 10 ta' Lulju 2003) u **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (TM) – 9 ta' Dicembru 2004 u **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003) u fid-dawl tas-sentenzi ricenti nkuzi dawk indikati fejn jinghad li fil-kaz ta' *multiplier* l-Qorti ghandha thares lejn l-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji, u meta wiehed jikkonsidra dak li jissejjhu bhala *"the chances and changes of life"* u fid-dawl ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited"** (P.A. (RCP) 25 ta' Jannar 2000) u **"Lizio Agius vs Bernard Grech"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002) ser tadopera *multiplier* ta' tlieta u tlettin (33) sena ghal *working life expectancy*. Ghalhekk illikwidat d-danni kif gej:-

- **Lm7,828 x 33 x 2% = Lm5,166.48**

*In vista* tal-gurispudenza recenti mbaghad, *in vista* tal-fatt li ghaddew fuq it-tliet (3) snin minn meta sehh l-incident u b'riferenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agistino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) u wkoll **"Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri"** (P.A. – 5 ta' Ottubru 1993) u **"Odette Baldacchino Kerr vs Joseph Mario Psaila"** (P.A. (GV) – 27 ta' April 2005) u la darba ghaddew 'il fuq minn tliet snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta' iktar minn 12% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'Lm620 ghall-Lm4,546.48

Illi ma dan l-ammont ta' Lm4,546.48 ghandu jizdied l-ammont ta' Lm754.08 ta' danni fuq indikati li jwassal ghalhekk likwidazzjoni ta' l-ammont ta' hames t'elef u tlett mitt lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm5,300.56) liema ammont ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li *in vista* ta' l-ammissjoni tal-konvenut ghall-ewwel talba attrici u dan kif jirrizulta mill-ewwel eccezjoni ta' l-istess konvenut li fil-fatt tikkonsisti f'ammissjoni ta' responsabbilta' u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn premess, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident stradali li fih sfat korruta l-attrici fit-8 ta' Awissu 2003 u dan fuq ammissjoni ta' l-istess konvenut kif indikat.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici minhabba dan l-incident fl-ammont ta' hamest elef u tliet mitt lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm5,300.56).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici d-danni kollha hekk likwidati fl-ammont ta' hamest elef u tliet mitt lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm5,300.56).

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali li giet pprezentata kontestwalment mac-citazzjoni attrici kif ukoll ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu 2005 u ta' l-ittra legali tal-15 ta' Marzu 2005 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------